**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Oriana Spiteri]**

**vs**

**Patrick Pullicino**

**Kumpilazzjoni Numru: 697/18**

**Illum, 3 ta' Lulju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Patrick Pullicino detentur tal-karta tal-identità numru 97865M:

**Akkuzat talli nhar is-17 ta' Settembru 2018 gewwa Waterline Triq is-Salini, Marsascala;**

1. **Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Elena Cachia persuna msemmija fl-artikolu 222(1), u dan ai terminu ta' Artikoli 214, 216(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Ikkaguna lill Elena Cachia tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u dan bi ksur tal-artiklu 251B(1) tal-Kapitolu 9**

3. **U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Patrick Pullicino a beneficju ta' Elena Cachia u familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Elena Cachia u familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Patrick Pullicino b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Patrick Pullicino sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti,**

**jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Jannar 2022 fejn biha elenka dawk l-Artikoli li dwarhom qed jitlob li tinstab htija u cioè:

1. 214, 215, 216 (1)(a)(iii)(b)(2), 218(1)(a)(b)(2), 222(1)(a), 202(h)(i)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 251(3), 251B, 222(1)(a), 202(h)(i)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma sabx oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati u decizi b'mod sommarju wara li nqrawlu dawn l-Arikoli;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz is-social enquiry report li l-imputat kien talab li jithejja minn Probation Officer;

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta fuq diverbju li kien hemm bejn l-imputat u l-parte civile li fiz-zmien tar-reat kienu jikkoabitaw flimkien u dan id-diverbju eskala f'tali punt li l-parte civile sofriet griehi gravi fosthom f'wiccha mill-agir tal-istess imputat.

Illi semghet il-parte civile **Elena Cachia** li permezz ta' traduttur xehdet illi dakinhar tal-incident filghodu hi kellha argument mal-imputat fejn dan qabdilha xaghra tefaghha mal-art, qabez b'saqajh fuq il-kustilji u ta' daqqa go rasha b'saqajh. Tghid illi meta hija talbitu ghall-ambulanza huwa qallha li ma kienx hemm ghalfejn u qallha sabiex titlaq minn hemm. Hija tghid li mbaghad marret tigri bla zarbun u waslet ghand habiba taghha Sharon Ellul Bonici fejn hemmhekk cemplet ghal ambulanza. Hija kkonfermat ic-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. OS2. Hija pprezentat zewg ritratti tal-feriti subiti minnha li dawn gew immarkati bhala Dok. EC1 u EC2.

Meta regghet giet riprodotta Cachia esebiet serje ta' dokumenti (fol. 100 *et seq*) li juru meta hija kienet marret izzur lil ommha Barcelona flimkien mal-imputat u anke hemmhekk hija giet imsawwta minnu fil-pubbliku tant li kellha taghmel rapport l-ghassa t'hemmhekk. Illi l-pulizija ta' Barcelona kienu wkoll arrestawh. Hija tghid illi kemm-il darba giet imsawwta mill-imputat tant li meta hija kienet tahdem fil-hanut tieghu kienet tara hafna droga ghaddejja u hu kien jghidilha li jekk kienet ser tghid xi haga kienet tispicca mejta bhar-ragel taghha.

Illi **l-Ispettur Oriana Spiteri** xehdet fuq l-istqarrija tal-imputat fejn dan kien qallha li kien rieqed il-hanut tieghu bl-isem *Waterline* fejn

f'daqqa wahda sab lil Elena bla hwejjeg li kienet fis-sakra u bdiet taqla' paniku u bdiet issabbat l-affarijiet mal-art. Huwa ddecieda li johrog minn hemm u meta gie lura jghid illi sabha b'ferita ma' mohhha. Huwa mbaghad wassalha ghand il-habiba taghha Sharon Ellul Bonici. Wara li gie ppressat mill-Ispettur l-imputat qallha li huwa kien prezenti meta garrbet il-qasma f'mohhha u din kienet ghamlitha meta waqghet fuq maduma. Illi qallha wkoll li ma riedx jaghmel rapport kontra Elena fuq hsara volontarja ghaliex ma riedx li jittiehdu passi fil-konfront taghha.

Finalment ix-xhud esebiet zewg sentenzi kontra l-imputat Patrick Pullicino ai fini tal-addebitu tar-recidiva (Dok. OS8 u OS9).

Xehdet ukoll **<u>Dr Rebecca Galea</u>** permezz tas-sistema awdjo viziva fejn hija kienet it-tabib tal-emergenza li kkurat lill-parte civile u fejn tghid illi l-qasma li kellha go mohhha kellha bzonn il-punti u din giet ikklassifikata bhala gravi u li tista' jkollha effetti permanenti. Tghid illi din kellha tbengil ukoll fl-idejn u fis-saqajn u fil-minkbejn.

Rat ir-rapport ta' **<u>Dr Mario Scerri</u>** li kien imqabbad bhala espert minn din il-Qorti sabiex jezamina lill-parte civile Elena Cachia u fejn dan permezz ta' rapport immarkat bhala Dok. MS1 ikkonkluda illi:

1. *"Illi Elena Cachia allegat illi f'Settembru 2017, din qalghet xebgha mill-imputat Patrick Pullicino;*

2. *Illi rizultat tal-griehi li garrbet, din kellha tittiehed l-isptar Mater Dei fejn ittiehed CT Scan tar-ras nhar is-17 ta' Settembru 2018 fejn irrizulta fin-negattiv;*

3. *Illi din spiccat b'cikkatrici fuq in-naha tal-lemin tal-mohh (forehead). Din ic-cikkatrici kienet rizultat ta' lacerazzjoni li kienet suturata u din ma tantx tidher from within talking distance;*

4. *Illi din il-lezjoni hija kompatibbli ma' blunt trauma."*

Illi finalment rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation Glen Grixti li kien mitlub mid-difiza sabiex ihejji *social enquiry report* lill-imputat. Bazikament dak li kkonkluda l-ufficjal tal-Probation kien li l-imputat ma kienx konsistenti fl-appuntamenti li kienu jinghatawlu kif ukoll il-kampjuni tal-urina wrew illi dan kien jabbuza mis-sustanzi kannabis u kokaina. Jghid illi darba minnhom, meta kien mitlub jipprovdi kampjun tal-urina, dan kien irrifjuta. Jghid ukoll illi l-imputat ma jarax li ghandu xi problema u qatt ma talab l-ghajnuna ta' agenziji li jghinu kontra l-vizzju tad-droga. Jghid ukoll illi ghalkemm huwa jghid li jahdem bhala *self employed* mir-registru tal-JobsPlus juri illi dan kien ghamel tnejn u ghoxrin (22) sena b'impjieg mhux regolarizzat.

Jghid ukoll illi a rigward ir-relazzjoni tal-imputat mal-parte civile din anke recentement kienet ghamlet rapport iehor fuq tbatija psikologika.

**IKKUNSIDRAT**

**Natura tal-griehi**

Illi mis-sottomissjoni tad-difiza u anke mix-xhieda tal-espert Dr Mario Scerri tqajjem id-dubju a rigward in-natura tal-griehi subiti mill-parte civile stante li dawn, ghalkemm fuq il-wicc, kienu jidhru biss *from talking distance*.

Illi dan il-punt gie dibattut f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sarah Kathleen Zerafa v. Yarik Farrugia** deciza fl-24 ta' Frar 2022 (App Nru 452/2021) fejn f'din is-sentenza gew ikkwotati diversi sentenzi ohra fejn jiccaraw dan id-dubju. Illi fis-sentenza tal-Appell bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciza fit-30 ta' Lulju 2004 intqal is-segwenti:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; filkaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew*

*klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid- dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn gie ritenut illi:

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id- deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f' wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l- incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L- Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f' certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il- figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghall- finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall- gudikant tal-fatt (f' dan il-kaz il- magistrat) u dan kien perfettament*

*intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is- suturi jew ponti ikunu ghadhom f' posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il- marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l- Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghallfinijiet tal-offiza gravissim, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jagheml l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll issentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emily Zarb".*

Illi ghalhekk minn dawn l-insenjament johrog car illi sakemm il-griehi tal-vittma, li kienu gew ikklassifikati bhala gravi mit-tobba, jaqghu taht il-parametri tal-feriti gravi mhux gravissimi li dawn it-tip ta' griehi gew inkluzi fin-nota tal-Avukat Generali meta hareg l-Artikoli tal-Ligi.

Illi gialadarba ma hemmx kontestazzjoni li l-feriti subiti mill-parte civile kienu fuq il-wicc hekk kif iccertifikati mit-tobba kif ukoll mir-

ritratti pprezentati minnha stess dawn jaqghu taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-fatt illi dawn il-griehi ma kinux daqshekk vizibbli meta raha l-espert tal-Qorti certament ma jikklassifikawx taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9.

**Xhieda Prodotti**

Illi f'din il-kumpilazzjoni ma gewx prodotti hafna xhieda izda huwa minnu li x-xhieda tal-parte civile Elena Cachia ma gietx kontradetta bl-ebda mod minn xhieda ohra u l-anqas ma kien hemm xi kontradizzjonijiet fix-xhieda taghha hekk kif tixtieq tpingiha d-difiza. Din tal-ahhar l-anqas uzat id-dritt taghha skont il-ligi sabiex taghmillha kontroezami sabiex forsi ixxejjen it-testimonjanza taghha. Il-Qorti tinnota li ghalkemm l-imputat ghandu d-dritt li jibqa' sieket tul il-proceduri, madanakollu ghazel li ma jirribattix il-verzjoni tal-parte civile jew jamplifika dak li kien qal lill-Ufficjal Prosekutur meta kien irrilaxxa l-istqarrija tieghu. Illi dan ghaliex forsi fl-istqarrija tieghu kien hemm certi inkonsistenzi u inezattezzi li jxejjnu l-verzjoni tieghu bhal meta huwa qal li l-parte civile kienet gharwiena u ghal fatt ta' kif saret id-daqqa go wiccha.

Il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 fejn jghid hekk:

> *" (2) B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn*

*kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Ghaldaqstant qed tiehu l-verzjoni tal-parte civile Elena Cachia bhala wahda veritiera.

**Biza' ta' vjolenza**

Illi l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali jistabilixxi s-segwenti:

*"251B. (1) Persuna li l-imgieba taghha tikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, u tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u hames mitt euro (€6,500) u mhux izjed minn hmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

*(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imgieba taghha tkun wahda dubjuza jmissha tkun taf li tkun se tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f'xi okkazjoni jekk persuna ragonevoli li jkollha l-istess*

*informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazjoni."*

Illi ghalhekk huwa car li biex din l-akkuza tirnexxi jrid ikun ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-imgieba passata tal-imputat tkun wahda li ggieghel lill-vittma tibza' verament ghal inkolumità jew il-hajja taghha. Illi dan certament ma sarx. Il-fatt li l-parte civile semmiet incident fi Spanja ma huwiex bizzejjed sabiex din l-akkuza tigi ppruvata ghaliex ma ngabet l-ebda prova tangibbli a rigward dan ir-rapport.

**Recidiva**

Illi l-akkuzat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm gew ipprezentati zewg sentenzi a rigward dan l-aggravju, madanakollu l-ebda persuna ma kkonfermat li dawn is-sentenzi llum il-gurnata huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula. Illi ghalhekk anke dan l-aggravju ma giex ippruvat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 216 (1)(a)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Patrick Pullicino hati biss tal-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta timponi fuq l-imputat ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Illi, a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghall-ammont ta' elfejn u tnejn u tmenin ewro u hamsin centezmu (€282.50) bhala spejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill–imputat ir–riperkussjonijiet jekk din l–ordni ma tigix obduta.

___________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**